**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**B10-0208/2024 }**
**B10-0209/2024 }**
**B10-0210/2024 }**
**B10-0211/2024 }**
**B10-0212/2024 } RC1**

27.11.2024

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

skont l-Artikoli 150(5) u 136(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tissostitwixxi l-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni li ġejjin:
B10-0208/2024 (Verts/ALE)
B10-0209/2024 (Renew)
B10-0210/2024 (PPE)
B10-0211/2024 (S&D)
B10-0212/2024 (ECR)

dwar Hong Kong, b'mod partikolari l-każijiet ta' Jimmy Lai u tal-45 attivist li dan l-aħħar instabu ħatja skont il-liġi dwar is-sigurtà nazzjonali
(2024/2950(RSP))

**Sebastião Bugalho, Miriam Lexmann, David McAllister, Željana Zovko, Andrey Kovatchev, Isabel Wiseler-Lima, Danuše Nerudová, Jan Farský, Luděk Niedermayer, Vangelis Meimarakis, Nicolás Pascual de la Parte, Davor Ivo Stier, Ingeborg Ter Laak, Michał Wawrykiewicz, Jessica Polfjärd, Mirosława Nykiel, Inese Vaidere**
f'isem il-Grupp PPE
**Yannis Maniatis, Francisco Assis, Chloé Ridel, Pina Picierno**

f'isem il-Grupp S&D
**Joachim Stanisław Brudziński, Adam Bielan, Mariusz Kamiński, Charlie Weimers, Veronika Vrecionová, Beatrice Timgren, Dick Erixon, Małgorzata Gosiewska, Ondřej Krutílek, Waldemar Tomaszewski, Ivaylo Valchev, Sebastian Tynkkynen, Michał Dworczyk, Alexandr Vondra, Assita Kanko**
f'isem il-Grupp ECR
**Engin Eroglu, Petras Auštrevičius, Malik Azmani, Dan Barna, Helmut Brandstätter, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Svenja Hahn, Karin Karlsbro, Ľubica Karvašová, Moritz Körner, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Jan-Christoph Oetjen, Urmas Paet, Marie-Agnes Strack-Zimmermann, Hilde Vautmans, Lucia Yar**
f'isem il-Grupp Renew
**Erik Marquardt, Markéta Gregorová**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar Hong Kong, b'mod partikolari l-każijiet ta' Jimmy Lai u tal-45 attivist li dan l-aħħar instabu ħatja skont il-liġi dwar is-sigurtà nazzjonali**
**(2024/2950(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar Hong Kong u ċ-Ċina,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 150(5) u 136(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi wara l-introduzzjoni tal-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali u l-Ordinanza dwar is-Salvagwardja tas-Sigurtà Nazzjonali, il-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt f'Hong Kong iddeterjoraw; billi ċ-Ċina kisret id-Dikjarazzjonijiet Konġunti Sino-Brittanika u Sino-Portugiża, il-prinċipju ta' "pajjiż wieħed, żewġ sistemi" u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi; billi aktar minn 200 persuna ġew arrestati taħt il-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali;

B. billi Jimmy Lai ilu miżmum detenut sa mill-2020 fuq akkużi foloz; billi l-proċess tiegħu beda fl-2023 wara dewmien varju; billi huwa ċaħad dawn l-akkużi u qed jiffaċċja għomru l-ħabs; billi l-avukat Brittaniku tiegħu ġie rrifjutat li jingħatalu l-permess biex jirrappreżentah;

C. billi 45 politiku, attivist u ġurnalist favur id-demokrazija ġew ikkundannati għas-sovverżjoni fil-każ tal-"Hong Kong 47", talli organizzaw elezzjonijiet preliminari mhux uffiċjali; billi l-proċessi tagħhom kienu l-akbar proċessi dwar is-sigurtà nazzjonali li qatt seħħew s'issa;

D. billi l-priġunieri politiċi f'Hong Kong iġarrbu kundizzjonijiet diffiċli, li ta' sikwit jaffettwawlhom saħħithom, waqt iż-żamma taħt arrest preventiv qabel is-smigħ tal-kawża, bħal fil-każ ta' Lai, li għandu 76 sena, isofri mid-dijabete u li nċaħadlu t-tqarbin fil-ħabs;

E. billi l-istabbilimenti tal-media indipendenti f'Hong Kong ma tħallewx joperaw aktar u żewġ ġurnalisti ta' stabbilimenti tal-media li m'għadhomx joperaw, Chung Pui-kuen u Patrick Lam, ġew ikkundannati għal "pubblikazzjonijiet sedizzjużi"; billi l-klassifikazzjoni ta' Hong Kong fl-Indiċi Dinji tal-Libertà tal-Istampa waqgħet lura ħafna;

1. Jikkundanna l-piena imposta fuq l-attivisti favur id-demokrazija għal akkużi relatati mas-sigurtà nazzjonali, bi ksur tad-dritt internazzjonali; jappella għat-tħassir tal-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali u l-Ordinanza dwar is-Salvagwardja tas-Sigurtà Nazzjonali; jiddenunzja d-degradazzjoni tal-libertajiet fundamentali f'Hong Kong;

2. Iħeġġeġ lill-Gvern ta' Hong Kong jeħles lill-attivisti favur id-demokrazija minnufih u mingħajr kundizzjoni, inkluż Lai u Chung, u jwaqqa' l-akkużi kollha kontrihom;

3. Jikkundanna l-applikazzjoni ekstraterritorjali tal-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali u r-repressjoni tranżnazzjonali li qed tiżdied mill-awtoritajiet Ċiniżi u ta' Hong Kong kontra l-komunitajiet tad-dijaspora fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jissospendu t-trattati ta' estradizzjoni magħhom;

4. Jistieden lis-SEAE u lill-Istati Membri jwissu liċ-Ċina li l-azzjonijiet tagħha f'Hong Kong se jkollhom konsegwenzi għar-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina; jistieden lill-Kunsill jirrieżamina l-konklużjonijiet tiegħu tal-2020 dwar Hong Kong u jimponi sanzjonijiet immirati fuq John Lee u fuq uffiċjali oħra ta' Hong Kong u Ċiniżi responsabbli għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, jirrevoka t-trattament doganali favorevoli ta' Hong Kong u jirrieżamina l-istatus tal-Uffiċċju Ekonomiku u Kummerċjali ta' Hong Kong fi Brussell; iħeġġeġ lill-Istati Membri jressqu kawża quddiem il-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja kontra d-deċiżjoni ta' Ċina li timponi l-Liġi dwar is-Sigurtà Nazzjonali fuq Hong Kong u l-Macau;

5. Jappella għal fond tal-UE għad-difiża legali biex jgħin lill-attivisti tad-demokrazija f'Hong Kong u biex l-Uffiċċju tal-UE f'Hong Kong jintensifika ż-żjarat fil-ħabsijiet u l-osservazzjoni tal-proċessi u jistabbilixxi punt fokali għad-drittijiet tal-bniedem;

6. Jistieden lil Hong Kong jippermetti lill-ġurnalisti jirrapportaw b'mod ħieles u jħeġġeġ lis-SEAE jsaħħaħ il-libertajiet tal-istampa f'Hong Kong;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-istituzzjonijiet tal-UE, liċ-Ċina u lir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong.